

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2199

tat-8 ta' Novembru 2022

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2023

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ⁽¹⁾ (TCT) ġie ffirmat mill-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 ⁽²⁾. Fl-4 ta' Marzu 2019 ġie approvat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 ⁽³⁾. Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 35 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija") għandu jadotta l-baġit tal-Komunità tat-Trasport kull sena. L-Artikolu 35 tat-TCT jagħti wkoll is-setgħa lill-Kumitat tat-Tmexxija li jadotta deċiżjonijiet li jispeċifikaw il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (3) Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni dwar il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2023 waqt l-aħħar laqgħa tiegħu fl-2022.
- (4) Il-baġit propost tal-Komunità tat-Trasport għall-2023 huwa meħtieġ għall-funzjonament xieraq tal-korpi tal-Komunità tat-Trasport. Dan ikopri l-kostijiet tar-riżorsi umani, l-ivvjaġġar, it-tagħmir u s-software tal-IT, kif ukoll in-nefqa operazzjonali bħal l-istudji, il-bini tal-kapaċità, l-assistenza teknika u l-organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023, peress li tali deċiżjoni, li hija meħtieġa għall-funzjonament tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija") fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA

ABBOZZ**DEĊIŻJONI Nru ... /2022 TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT****ta' ...****dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023**

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 35 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan huwa adottat il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023, mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-regoli finanzjarji u l-proċeduri tal-awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, l-appropriazzjonijiet ta' linja baġitarja partikolari tal-baġit tal-2023 jistgħu jintużaw għall-finijiet li l-baġit jattribwixxi lil linja baġitarja oħra, fil-limitu totali ta' 10 % tal-appropriazzjonijiet tal-linja baġitarja msemmija l-ewwel. Dan ma għandux japplika għal-linja baġitarja li tikkonċerna l-baġit tar-riżorsi umani.

2. L-appropriazzjonijiet riportati biex jissodisfaw l-obbligi ffirmati fi tmiem l-2022, kif speċifikat fil-baġit mehmuż, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-użu msemmi fil-paragrafu 1. Dawn ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tal-ammont massimu li jikkorrispondi għal-limitu ta' 10 % imsemmi fih.

Artikolu 3

L-appropriazzjonijiet li ma jkunux ġew impenjati fi tmiem is-sena finanzjarja 2022 għandhom jitħassru u jitħallsu lura lill-Partijiet f'konformità mal-perċentwali stabbiliti fl-Anness V tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u l-kontribuzzjonijiet propra mħallsa.

Magħmul nhar il-..., fi ...

*Għall-Kumitat tat-Tmexxija
Reġjonali tal- Komunità tat-Trasport
Il-President*

⁽¹⁾ ĠU UE L 278, 27.10.2017, p. 3.

BAĠIT TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT GĦAS-SENA 2023

Linja baġitarja	Ammont (EUR)
1. Segretarjat Permanenti	
1.1. Riżorsi Umani	1 502 097
1.2. Kostijiet tal-ivvjaġġar	119 220
1.3. Kostijiet tal-uffiċċju, tagħmir u software	64 150
1.4. Kostijiet u servizzi oħra, inkluż: — Servizzi esternalizzati u servizzi oħra (Awditjar, Viżibilità, Taħriġ tal-persunal, Imposti bankarji) — Kostijiet tal-Laqqgħat u l-Konferenzi — Kostijiet tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni — Kostijiet tar-reklutaġġ	543 117
1.5. Studji, Assistenza teknika li tappoġġa l-implimentazzjoni tal- <i>acquis</i> tal-UE u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ⁽¹⁾	730 000
— Li minnhom, krediti ġodda	510 000
— Li minnhom approprjazzjonijiet tal-baġit riportati li jikkorrispondu għall-obbligi ffirmati fi tmien l-2022 li għalihom il-pagamenti huma dovuti fl-2023	220 000
2. Kunsill Ministerjali	
2.1. Kostijiet tal-Laqqgħat u l-Konferenzi	28 000
3. Kumitat tat-Tmexxija Reġionali	
3.1. Kostijiet tal-Laqqgħat u l-Konferenzi	18 560
4. Kumitati Tekniċi	
4.1. Kostijiet tal-Laqqgħat u l-Konferenzi	177 300
5. Forum Soċjali	
5.1. Kostijiet tal-Laqqgħat u l-Konferenzi	10 800
6. Kumitat tal-Baġit	
6.1. Kostijiet tal-Laqqgħat u l-Konferenzi	5 720
Total ta' krediti ġodda (għajr ir-Riżerva tal-Baġit)	2 978 964
Riżerva tal-Baġit (madwar 3 % ta' krediti ġodda)	81 036
Kreditu ġodda totali	3 060 000
Ammonti totali riportat mill-2022	220 000
Total finali	3 280 000
Kontribuzzjoni tal-UE (80 % ta' krediti ġodda)	2 448 000
Kontribuzzjoni tal-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa (20 % ta' krediti ġodda: l-Anness V tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Transport jipprovdi d-distribuzzjoni skont kull pajjiż)	612 000

(¹) L-ammont totali għandu jiġi ddeterminat mal-konklużjoni ta' proċeduri ta' akkwist u kuntratti ta' servizz iffirmati matul it-tielet trimestru tal-2022.